**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar it-13 ta' Jannar 2025

Avviż Numru: 224/2024NHV

**Michael Attard Imports Limited**
(C34433)

**vs.**

**Keith Micallef**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 478679M

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2024, li permezz tiegħu is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' sebat'elef u disgħa u disgħin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€7099.42), rappreżentanti bilanċ ta' import ta' kambjala waħda, skaduta u ffirmata minnu.

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, inkluż dawk tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorji preżentati kontestwalment u bl-imgħax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem il-Qorti, għalkemm fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2024 huwa bagħat difensur sabiex jirrappreżentah u jitlob iktar żmien għar-risposta tiegħu. It-talba għamilha għaliex stqarr li kien ġie notifikat biss fl-aħħar jum tax-xogħol qabel is-seduta tad-9 ta' Diċembru 2024. Peress li rriżulta li l-konvenut kien ilu notifikat bl-atti ta' din il-kawża sa minn Ottubru 2024, il-Qorti ċaħdet it-talba tiegħu għall-estensjoni tat-terminu u ddikjaratu kontumaċi.

Rat il-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi fil-konfront tal-konvenut u l-fatt li l-konvenut Keith Micallef naqas milli jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk ai termini tal-Artikolu 702 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess kapitolu għandu jittieħed bħala mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjetà attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Keith Micallef iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sebat'elef u disgħa u disgħin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€7099.42), bl-imgħax legali dekorribbli mill-15 ta' Ottubru 2024, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a kariku tal-konvenut.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur